MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2011

Numru. 1135/2006

**PULIZIJA**
**SUPRETENDENT MARTIN SAMMUT**
**VS**
**JOSEPH GARRETT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Garrett ta' 21 sena, iben Raymond u Rita nee` Camilleri, imwieled 26 ta' April 1985 Pieta', u residenti St. Rita, Triq Hali, Zebbug ID 277685(M).

Illi huwa akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer, nhar il-9 ta' Lulju 2006, ghall–habta tas-siegha u kwart ta' filghodu (01.30hrs), gewwa l-istabilliment 'Havana' sitwat go Triq San Gorg, San Giljan, u kif ukoll gewwa Triq San Gorg, San Giljan u fil-vicinanzi:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed l-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' Loredana Zampa, skond kif certifikat mit-tabib Dr. Mark Camilleri MD u dan bi ksur ta' Artikoli 214 u 216 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U akkuzat aktar talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti datata nhar il-2 ta' Settembru 2003, liema sentenza hija definitiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti hija gentilment mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-Ligi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta ta' Loredana Zampa jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' flus li ti gi iffisata mill-Qorti (Art 383 ta' Kap 9).

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u ta` l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat in procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat;

Mix-xhieda tal-Supretendent Martin Sammut jirrizulta illi fid-data citata fl-avviz Supretendent Martin Sammut gie nformat minn PS1492 Pace illi certu Loredana Zampa kienet giet aggredita serjament gewwa l-Havana minn zewg zghazagh wiehed minnhom l-imputat Garrett u l-iehor Philip Muscat.

Supretendent Sammut xehed illi mill-investigazzjonijiet li ghamel, sar jaf illi Zampa kienet giet imbuttata, xejret il-hand bag taghha u qalghet daqqa ta` ponn f`wiccha bil-konsegwenza li sofriet ksur ta` l-ghadma ta` mniehirha (ara c-certifikat Dok. MS).

Waqt li Muscat u Garrett kienu fl-ghassa tal-Pulizija, dahal missier Loredana Zampa u certu Martin Camilleri illi

informa lil Pulizija illi kien Garrett li kien ta d-daqqa ta` ponn lill-Loredana.

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat Garrett nnega l-allegazzjonijiet kollha maghmula fil-konfront tieghu.

In kontro-ezami Supretendent Sammut kkonferma li l-incident sehh fil-weekend meta l-Havana kien mimli nies.

Supretendent Sammut xhed li fl-istqarrija tieghu l-imputat jghid li Loredana Zampa kienet bdiet taghti bil-handbag u li Martin Camilleri skuza ruhu anke mal-imputat u qallu illi “din dejjem hekk taghmel” (ara fol. 12).

Fl-istqarrija tieghu apparti li l-imputat jinnega li miss il-kwerelanti, jghid li ra lil siehbu jaqla` daqqiet ta` handbag minghand tfajla, rah jaqa` mal-art u mar jaghti l-ghajnuna.

Jghid illi kien hemm rassa kbira ta` nies, gie mbuttat, wegga` idu l-leminija u qala daqtejn ta` handbag minghand tfajla li ma kienx jaf.

L-imputat stqarr li ftit wara gie guvni, li wara rah l-ghassa, li talbu skuza u “qalli li dik (it-tfajla) minnha jitlalha u talabni skuza” (ara fol. 14).

PS 1492 Joseph Pace (a fol 17 et seq) kkonferma r-rapport fuq argument fil-Havana u kif sab lil Loredana Zampa bi griehi f`wicca u ssejjah l-Ambulanza. PS Pace ezebixxa l-okkorrenza Dok. PS a fol 20 et seq fejn jirrizulta:

“2 male persons walked by her (Zampa) and one of them pushed her with his shoulders. She stated that she pushed him back and at that moment he started swearing and insulting her and even pushed her on the floor. When she got up she swerved her bag and hit his partner who from his end punched her on the nose” – vide fol. 22 ... Both suspects ... denied that they had punched the victim”.

In kontro ezami PS Pace xehed illi Zampa indikat lil Garrett u Muscat lil Pulizija qabel ma telghet fl-ambulanza. Kien il-habib ta` Zampa li ndika lil imputat bhala 'l persuna illi kien ta d-daqqa ta` ponn f`wicc Loredana.

PS 1300 Fenech kkonferma l-istqarrija tal-imputat.

Loredana Zampa a fol. 25 et seq xehdet illi hija kienet qieghedha 'l Havana ma` xi hbieb, meta giet imbuttata hija daret biex tara ghalfejn giet mbuttata w il-persuna bdiet tghajjat, "jxejjer ma` wicci u jidghi go wicci".

Hija mbutatu u "qabad itini ... u laqatni go wicci".

Zampa xehdet illi din il-persuna permezz ta` daqqa ta` ponn kisrilha mniehirha u "fetahli wicci", u ndikat lill-imputat.

Ikkonfermat c-certifikat MS.

Zampa xehdet "illi mniehirha kien ghadu jugahha".

In kontro ezami Zampa xehdet illi hija indikat liz-zewg zghazghah lil Pulizija meta kienet fejn il-van tal-Pulizija. 000

Zampa, a fol. 29 kkonfermat li l-hbieb taghha kienu Martin Camilleri, (l-ex gharus), Stephanie Galea u Chiara Borg.

Martin Camilleri xehed illi waqt illi kien il-Havana qamet konfuzzjoni, mar jara kien qed jigri u **ra lill-imputat jaghti daqqa ta` ponn lil Loredana Zampa.** Camilleri xhed li Loredana kellha wiccha kollu dmija u hu hadha bl-ambulanza lejn l-isptar u wara mar l-ghassa ma` missier Loredana, fejn ra lill-imputat hu u diehel fl-istess ghassa.

In kontro ezami Camilleri jikkonferma li hu ma rax kif beda dan l-incident, ra biss lill-imputat jaghti daqqa ta` ponn f`wicc Zampa.

Philip Muscat a fol. 44 et seq xehed illi huwa kien il-Havana ma` Garrett meta qamet rassa u kulhadd beda jinbotta.

Muscat xehed illi kien spicca mal-art b`idu migrufha, u b`lacerazzjoni f`siequ il-ghaliex kien tilef il-karkur tieghu fil-konfuzzjoni.

Muscat xehed li l-bodyguards hargu lill-kulhadd ‘il barra. Peress illi kien tilef il-karkura huwa baqa` jistenna barra u ftit wara gabruh il-Pulizija.

Mitlub jghid il-ghaliex gew arrestati mill-Pulizija, Muscat xehed li “siehbi ta` xi daqqa lil din” u cioe` il-kwerelanti. Muscat xhed a fol. 47 illi meta waqa`, Garrett waqa` fuqu u dgerbu xi nies ohra fuqhom.

Muscat xehed illi qatt ma kien involuti f`xi incident il-Havana qabel id-data ndikata fl-avviz.

Muscat in kontro ezami kkonferma illi l-ex gharus ta` Zampa kien gie jiskuza ruhu maghhom.

Loredana Zampa a fol. 52 ezebit seba` ritratti li juru l-griehi sofferti minnha f`dan l-incident.

Dr. Martin Camilleri MD kkonferma c-certifikat mediku Dok MS a fol. 13.

Hu xehed li l-kwerelanti sofriet minn ksur tal-ghadma tal-imnieher u qasma jew lacerazzjoni superficjali fuq n-naha ta` mniehirha li estendiet ghal fuq il-wicc – xi tlett centimetri fejn kienet fonda. Il-griehi gew klassifikati minn dan it-tabib bhala gravi b`referenza specjali ghal lacerazzjoni fuq il-wicc (ara fol. 57) ghaliex kien probabbli li din kienet se thalli cikatrici.

Ghal rigward tal-ksur tal-ghadma tal-imnieher, Dr. Camilleri kkonferma li din tfieq bejn erba` u sitt gimghat.

Petra Attard a fol. 60 et seq xhedet illi hija kienet il-Havana ma` shaba inkluza Loredana Zampa:

"Jiena smajt ghajjat, dort u rajt lis-Sur Garrett jaghti daqqa ta` ponn lil Loredana". Ghajtet lil bouncers u marret taghti l-ghajnuna lil Zampa li sabitha mal-art mimlija demm b`Garrett ghadu jsawwatha. Hija identifikat lill-imputat.

Joseph Garrett kkonferma l-istqarrija tieghu a fol. 68.

Huwa xehed li qatt ma kien ra lil Petra Attard u li Martin Camilleri kien gie jitolbu skuza.

Mitlub jghid kienx involut fil-glieda l-imputat jghid li kienet **"dik in-naqra konfusjoni li kien hemm imma mhux glieda hu".**

L-imputat xhed illi kien bejn 5 u 6 piedi l-boghod minn Muscat u hu ra lil Muscat u lil Zampa jaqilghu "panic flimkien". Mar jara x`gara u qala daqtejn ta` handbag. Gew il-bouncers u tefghu lil kulhadd 'il barra. Illi huwa baqgha fuq il-post sabiex ifittex il-karkura ta` Muscat. Illi sussegwenti gew arrestati u waqt li kienu fl-ghassa, dahal missier t-tfajla jghajjat li hu (l-imputat) kien ta d-daqqa.

Garrett xehed li meta inqala` l-panic, hu kien il-boghod minn Zampa.

Joseph Rivans, supervisor tal-Havana Club gie mitlub jezebixxi r-roster tal-bouncers tad-09.07.2006 u ic-CCTV Camera footage tal-istess data.

Fit-tieni xhieda tieghu a fol. 83 Rivans xhed li huma jzommu records ghal sentejn biss.

Ikkonsidrat:

Mill-kumpless tax-xhieda fuq prodotta, din il-Qorti taghraf illi prosekuzzjoni ippruvaw l-akkuza ta` natura gravi bla dubbju dettat mir-raguni. Dan qieghed jinghad mhux biss ghar-raguni li Loredana Zampa kienet preciza u konsistenti fix-xhieda taghha, izda ukoll il-ghaliex x-xhieda taghha giet pjenament korraborata minn Petra Attard u Martin Camilleri li taw x-xhieda taghhom b`mod grafiku.

Di piu` PS 1492 kkonferma li Zampa iddentifikat lil Muscat u Garrett a tempo vergine waqt li x-xhieda Muscat ma hijiex ta` minn iserrah fuqha il-ghaliex f`nifs wiehed jghid li ma rax lill-imputat jsawwat lil Zampa u f`nifs iehor jghid li huma gew arrestati il-ghaliex siehbu ta` xi daqqa lill-din" (ara fol. 46).

Illi x-xhieda ta` Dr. Camilleri li kkonferma certifikat mediku Dok MS u fis-sens li l-ksur tal-ghadam ta` mnieher jfieq bejn erba` sa sitt simghat u li ghal daqstant tikkonstata griehi gravi per durati. Apparti minn dan Dr. Camilleri xehed li kien probabbli li l-lacerazzjoni fil-wicc ta` Zampa kienet ser thalli cikatrici permanenti fuq il-wicc ta` l-istess Zampa.

Illi l-Art. 214 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta jipprovdi:
"Kull min, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew igibilha disordni f 'mohhha, ikun hati ta' offiza fuq il-persuna".

L-Art. 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta jiddisponi:
"(1) L-offiza fuq il-persuna hija gravi, u ghaliha tinghata l-piena ta' prigunerija minn tliet xhur sa tliet snin -
(a) jekk tista' ggib periklu -
(i) tal-hajja; jew
(ii) ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew filfunzjoni
ta' xi parti tal-gisem; jew
(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-
gisem; inkella
(iv) ta' marda permanenti tal-mohh;
(b) jekk iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz;
(c) jekk tkun maghmula b'ferita li tidhol f'wahda mill-kavitajiet
tal-gisem, minghajr ma ggib l-ebda wahda
mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;
(d) jekk iggib marda tal-mohh jew tal-gisem li ddum ghal tletin gurnata jew izjed, inkella, ghal daqshekk zmien, izzomm lill-offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu;
(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iggieghelha tehles qabel iz-zmien.

(2) Jekk il-persuna offiza tfieq minghajr ma kienet qatt matul
il -marda, f ’periklu attwali tal-hajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiza setghat iggib
dak il-periklu fil -kaz biss illi dan il-periklu kien probabbli minhabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali ta’ l-offiza”.

Illi fid-dawl ta` dana kollu din il-Qorti taghraf li l-griehi ta` Loredana Zampa huma griehi ta` natura gravi u jikkostataw sfregu fil-wicc tal-kwerelant u jikkonstataw griehi ta` natura gravi per durata.

Illi t-tieni akkuza, din ma gietx ppruvata mill-prosekuzzjoni skond il-ligi stante li la ezebew s-sentenza ndikata fl-akkuza u wisq anqas ma producew ix-xhieda ta` l-identita` tal-imputat fil-konfront ta` l-istess sentenza.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat Garrett hati tal-ewwel akkuza, mhux hati tat-tieni akkuza li minnha tilliberah  u wara li rat l-Art. 214, 216 Kap 9 tikkundannah ghal sentejn u nofs prigunerija.

Din il-piena giet akkordata in vista tal-gravita` tal-griehi nflitti fuq wicc ta` tfajla zghazugha bi probabbilta` li ser tibqa` bi sfregu permanenti f’wicc il-kwerelanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------